MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 207/2014

**Mallia Perit Claude RA & Ce**

**Vs**

**Estetika the Cosmetic Clinic**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2014 fejn l-attur talab illi s-socjeta' intimate thallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba mija tnejn u sebghin ewro (€472) rapprezentanti servizzi moghtija fuq inkarigu tas-socjeta' initmata, liema servizzi professjonali sal-lum baqaw mhux mhallsa, minkejja diversi interpellazzjonijiet, ittri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri mibghuta u bl-imhax legali mit-30 ta' Settembru, 2013.

Is-socjeta’ konvenuta lahqet hallset l-ammont lill-attur qabel il-prezentata tal-avviz. L-attur talab jew illi l-avviz jigi ntaxxat come ceduta u l-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

Illi peress illi s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ma qalet xejn dwar dan meta ma rrispondietx u lanqas dehret ghal kawza.

It-Tribunal ghalhekk jilqa’ it-talba attrici sabiex it-talba tigi intaxxata come ceduta u tali spejjez jithallsu mis-socjeta’ konvenuta. It-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------